# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' Frar 2024**

**Talba nru. 355/2021 IS**

**SUPER PANDA LIMITED (C 69409) U B'DIGRIET DATAT 23 TA' NOVEMBRU 2023, L-ISEM TAS-SOĊJETA' ATTRIĊI ĠIE MĦASSAR U SOSTITWIT BL-ISEM SEE GLOBAL SERVICES LTD. (C 69409)**

***VERSUS***

**7 STEPS COMPANY LIMITED (C 56470)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2021 (a fol. 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro (Eur 4720.00) mingħand is-soċjeta' konvenuta rappreżentanti ħlas ta' oġġetti illi s-soċjeta' konvenuta ħadet mingħand is-soċjeta' attriċi kif ukoll l-ispejjeż extra-ġudizzjarji inkorsi mis-soċjeta' attriċi in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 166A nru. 7/2021 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 593/2021 u bl-imgħaxijiet.

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata fil-5 ta' Jannar 2022 (a fol. 15).

Ra illi s-soċjeta konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fil-21 ta' Jannar 2022 (a fol. 13 u 14).

Ra il-verbal datat 24 ta' Marzu 2022 fejn it-Tribunal laqa' t-talba sabiex tali talba tkompli tinstema' bil-lingwa Ingliża imma s-sentenza tingħata bil-lingwa Maltija (a fol. 18 u 19).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fl-10 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 39).

Ra illi fit-23 ta' Novembru 2023, is-soċjeta' attriċi talbet korrezzjoni fl-isem tagħha stess *stante*

illi kienet bidlet isimha tul dawn il-proċeduri u fejn is-soċjeta' konvenuta ma oġġezzjonatx għal tali tibdil b'dan illi it-Tribunal laqa' tali talba (a fol. 88).

Ra illi fil-31 ta' Jannar 2024, is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 92).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għal sentenza.

Ikkunsidra

Mill-atti proċesswali, dan it-Tribunal seta' jifhem illi s-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta kienu tkellmu sabiex is-soċjeta' konvenuta tixtri xi oġġetti mingħand is-soċjeta' attriċi.

Gjaldarba jkun stabbilit li sar tali ftehim bejn il-partijiet, id-diżgwit bejn il-partijiet qam fuq liema oġġetti is-soċjeta' konvenuta ħadet mingħand is-soċjeta' attriċi u, għaldaqstant, l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi.

Kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta

Sabiex ikun hemm kuntratt, jew ftehim, bejn il-partijiet, kien hemm il-bżonn illi jkun hemm offerta mis-soċjeta' attriċi u aċċettazzjoni tat-tali offerta mis-soċjeta' konvenuta, u dak skond il-Liġi nostrana tagħna u anke hekk kif il-Qrati tagħna kellhom diversi opportunitajiet sabiex jiddiskutu tali punt, fosthom, fis-sentenza ***Brands International Limited gja Charles Mercieca & Co. Ltd vs Brigette Gauci Borda School of Ballet Ltd***.[1] F'dan il-każ, is-soċjeta' attriċi offriet diversi oġġetti lis-soċjeta' konvenuta u liema soċjeta' konvenuta aċċettat dawn l-oġġetti. Mill-provi prodotti tul il-proċess, hu evidenti illi s-soċjeta' attriċi u s-soċjeta konvenuta, *tramite* r-rappreżentanti tagħhom rispettivi, iffirmaw *invoice* bejniethom datata 30 ta' April 2019 li turi sew l-oġġetti illi s-soċjeta' konvenuta ħadet mis-soċjeta' attriċi. B'dan illi għaldaqstant, kien hemm kuntratt bejn il-partijiet. Il-firma fuq it-tali *invoice* hi ikkonfermata illi tappartjeni lir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta kemm mill-istess rappreżentant, u ċioe' minn Shawn Risiott, fejn fl-affidavit tiegħu ammetta li ffirma din l-imsemmija *invoice* (a fol. 68), fil-kontro-eżami tal-istess Shawn Risiott meta qal is-segwenti: "*Iffirmajtha jiena hu, ghax jiena kont l-owner tal-kumpanija*" (a fol. 101) kif ukoll mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta meta fil-kontro-eżami ta' Enes Mujamovic, qalet is-segwenti: "*We know who signed; it's clear in the invoice*" (a fol. 54).

Gjaladarba hu stabbilit illi kien hemm kuntratt, jew ftehim, bejn il-partijiet, dan it-Tribunal issa jrid iħares lejn id-diżgwit bejn il-partijiet illi jidher illi hu dwar l-oġġetti imsemmija fuq din l-imsemmija *invoice* datata 30 ta' April 2019. Is-soċjeta' konvenuta tallega tul il-proċess kollu illi hi qatt ma ħadet l-oġġetti kollha indikati fuq din l-imsemmija *invoice*. Biss pero', Eyub El Sikli, li kien daħal fi sħab mas-soċjeta' konvenuta, u dan hekk kif ikkonfermat mix-xhieda ta' Eyub stess li tinsab a fol. 48 sa 50 kif ukoll mill-affidavit ta' Shawn Risiott li jinsab a fol. 68, xehed illi

[1] 13 ta' Frar 2009, Qorti tal-Appel, Ref.: 235/2005/1

*"The Witness: …. me and Shaun we went with the car and we picked everything….*

*….*

*Dr. Kirk Brincau: Ok: let me show you Dok A please.*

*The Tribunal: Witness is being shown document at fol. 9 of the file.*

*Dr. Kirk Brincau: Is the equipment you refer to listed there?*

*The Witness: Yes this ehe."*

Din il-parti tax-xhieda tinsab a fol. 48. Dan it-Tribunal hu konvint illi ġjaladarba Eyub El Sikli kien bi sħab mas-soċjeta' konvenuta, ma kellu ebda raġuni valida għala għandu jgħid verżjoni li ma tirriflettix il-verita'. Anke li kieku seta' kien baqa' xi dubju fuq liema oġġetti s-soċjeta' konvenuta ħadet mis-soċjeta' attriċi, l-*invoice* datata 30 ta' April 2019 li tinsab a fol. 9, ma tħalli ebda dubju f'moħħ it-Tribunal illi s-soċjeta' konvenuta ħadet l-oġġetti kollha indikati fuq it-tali *invoice* mingħand is-soċjeta' attriċi billi tali *invoice* tgħid is-segwenti: "*Representative of 7 Steps Ltd. with below signature confirms takeover of below second had equipment…*" B'dan illi għaldaqstant, tali kliem ma jħalli ebda dubju illi s-soċjeta' konvenuta kienet ħadet it-tali oġġetti imsemmija fuq din l-imsemmija *invoice*. Dan it-Tribunal hu tal-fehma illi Shawn Risiott, bħala r-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, ma kienx imġiegħel jiffirma din l-imsemmija *invoice* u ġjaladarba huwa ffirma, tali *invoice* hi l-kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

F'dan ir-rigward, għaldaqstant, jonqos biss li jkun issa diskuss l-ammont ta' flus li hu dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' konvenuta ppreżentat messaġġi li saru bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet, u liema kopja tal-messaġġi tinsab a fol. 64 sa 66. Fl-ewwel messaġġ hekk ippreżentat, u li hu datat 23 ta' Settembru 2019, jidher ċar illi l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi hu dak li hu indikat fuq l-*invoice* datata 30 ta' April 2019, u ċioe', l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro (Eur 4720.00). Fit-tieni messaġġ, li hu datat 15 ta' Novembru 2019, is-soċjeta' attriċi, tramite r-rappreżentant tagħha, semmiet l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2000.00). Shawn Risiott, għan-nom tas-soċjeta' konvenuta, ittenta jgħid illi l-partijiet kienu qablu li minflok is-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro (Eur 4720.00) lis-soċjeta' attriċi, tali soċjeta' konvenuta tħallas biss l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2000.00), u dan għaliex skond is-soċjeta' konvenuta ma kinitx ħadet l-oġġetti kollha; teżi illi dan it-Tribunal ma jaqbilx magħha, hekk kif spjegat fil-paragrafu t'hawn fuq. Biss pero', ma hemm xejn illi jindika tali fatt fil-messaġġ hawnhekk imsemmi illi r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi kien qed jaqbel illi jitħallas biss l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2000.00). Li kieku verament tali ftehim kellu jkun biss għal elfejn Ewro (Eur 2000.00), dan it-Tribunal hu konvint illi Shawn Risiott, bħala rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, kien ikun ċert illi jkollu xi tip ta' messaġġ jew ftehim ieħor bil-kitba sabiex juri dan u mhux joqgħod biss fuq dak li skond hu ntqal verbali meta hu kien jaf illi kien hemm *invoice* u messaġġi bil-miktub li juru illi l-verżjoni tiegħu mhix korretta. It-teżi ta' Shawn Risiott, bħala rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, ma tistax tkun emmnuta minn dan it-Tribunal *stante* illi li kieku verament kien hemm dan it-tali ftehim hekk kif sosta Shawn Risiott, apparti li kien jieħu ħsieb illi jkun bil-miktub, anke b'permezz ta' messaġġ, kien jivversa tali flejjes fl-ammont ta'

elfejn Ewro (Eur 2000.00) lis-soċjeta' attriċi fil-ġurnata meta skond hu jkunu hekk ftehemu mhux sas-27 ta' Jannar 2020, u ċioe' wara l-messaġġi ippreżentati mis-soċjeta' konvenuta, tali soċjeta' konvenuta kienet għadha anqas biss ħallset ebda ammont, u dan skond kopja tal-messaġġi ppreżentati mis-soċjeta' attriċi li tinsab a fol. 10.

Ġjaldarba ġie stabbilit minn dan it-Tribunal illi fuq l-evidenza prodotta, u fuq bażi ta' probabbilita', il-partijiet daħlu f'kuntratt jew ftehim fuq l-oġġetti kollha indikati fuq l-*invoice* u b'dan illi s-soċjeta' konvenuta hi obbligata illi tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro (Eur 4720.00), l-aħħar punt li għandu jkun diskuss hu meta kellu jsir tali ħlas. L-*invoice* datata 30 ta' April 2019 tipprovdi illi "*The payments will be made by even monthly check or monthly money transfers to Super Panda Ltd. bank account in the Bov until above full amount is paid, starting from May 2019*." Tali sentenza ma tipprovdix għal kemm xahar jew kemm kellu jkun il-pagament fix-xahar. Biss pero', is-soċjeta' attriċi ipprovdit kopja tal-messaġġi illi bagħtet *tramite* r-rappreżentant tagħha lir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta li huma datati 27 u 28 ta' Jannar 2020, u liema kopja tinsab a fol. 10, fejn jidher ċar illi tali pagament kellhom ikunu kollha effettivi sal-aħħar ta' Diċembru 2019. Shawn Risiott, ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta ikkonferma billi wieġeb illi kien ser iħallas l-ammont kollu sal-aħħar ta' Jannar 2020 u talab ftit iktar żmien sabiex ikun jista' jeffetwa tali pagamenti, u r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi aċċetta. F'każ illi ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet meta l-pagamenti kollha kellhom isiru, allura imbagħad kien japplika Artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta u tali artikolu jipprovdi illi

"*Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
*(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-sommagħandha tingħata bl-imgħax;*
*(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ'oħra li ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien li fihgħandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilitmill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi*."

B'dan illi allura *se mai* l-iktar tard li s-soċjeta' konvenuta kellha tħallas lis-soċjeta' attriċi kien fi żmien sentejn u ċioe' sad-29 ta' April 2021. B'dan illi allura kwalunkwe terminu applikabbli juri b'mod ċar illi l-ammont huma kollu dovut lis-soċjeta' attriċi u ma hemm ebda ammont illi għadu jista' jkun b'xi mod pendenti.

Ġjaladarba is-soċjeta' attriċi għandha d-dritt illi titlob l-imgħax, u dan hekk kif għamlet, dan it-Tribunal irid jeżamina l-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, irid japplika l-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 1141 *stante* illi jaqgħu bħala atti kummerċjali "*kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom*" s kond l-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Maltab'dan illi f'dan il-każ, hemm każ ta' att kummerċjali.. Sub-inċiż wieħed tal-Artikolu 1141 jipprovdi illi "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*" F'dan il-każ, ġjaladarba hu stabbilit illi tali pagamenti kellhom ikunu kollha eżegwiti sal-aħħar ta' Diċembru 2019, u ukoll

b'dan illi allura il-kliem fl-*invoice "even monthly check or monthly money transfers"* ifisser illi kellu jkun hemm pagament kull xahar u s-soċjeta' konvenuta allura hi obbligata li tħallas l-ammont tal-imgħax fuq kull ammont illi naqset milli tħallas f'kull xahar rispettiv. F'dan il-każ, peress illi kien hemm kuntratt ta' bejgħ, l-imgħax hu ta' ħamsa fil-mija (5%) u dan skond id-definizzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ ai termini tal-Artikolu 1346 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u skond l-Artikolu 1434 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirregola l-imgħax meta jkun hemm kuntratt ta' bejgħ.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta' erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro (Eur 4720.00) mingħand is-soċjeta' konvenuta rappreżentanti ħlas ta' oġġetti illi s-soċjeta' konvenuta ħadet mingħand is-soċjeta' attriċi kif ukoll l-ispejjeż extra-ġudizzjarji inkorsi mis-soċjeta' attriċi in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 166A nru. 7/2021, liema kopja tinsab a fol. 25 sa 29 kemm bil-lingwa Maltija u anke dik Ingliża, u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 593/2021, liema kopja tinsab a fol. 40 sa 47. Inoltre' dan it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-imgħax fuq l-ammont illi is-soċjeta' konvenuta kienet obbligata li tħallas bl-ammont tal-imgħax bil-ħamsa fil-mija (5%) fuq kull ammont rispettiv illi naqset milli tħallas f'kull xahar rispettiv.

L-ispejjeż tal-proċeduri għandhom jitħallsu kollha mis-soċjeta' konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur